**QORTI TAL-APPELL**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' April, 2025**

**Numru 2**

**Rikors Ġuramentat numru: 29/2015/1 BS**

**Julio Azzopardi**

**v.**

**Solar Engineering Limited (C47487)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-kumpanija konvenuta minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2023, li permezz tagħha laqgħet f'parti minnhom it-talbiet attriċi billi illikwidat u kkundannat

lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-attur, li kien impjegat tagħha, somma flus rappreżentanti, kummissjonijiet u ħlasijiet oħra dovuti lilu.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-15 ta' Mejju, 2015, l-attur fisser kif huwa kien impjegat mal-kumpanija konvenuta taħt kuntratt ta' xogħol indefinit u kien ilu hekk impjegat sa mix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2009, iżda mbagħad, f'daqqa waħda, ix-xogħol tiegħu twaqqaf unilateralment mill-kumpanija konvenuta mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi. Kemm hu hekk, l-attur ressaq proċeduri wkoll quddiem it-Tribunal Industrijali f'dan ir-rigward.

3. L-attur jgħid li matul l-impjieg tiegħu mal-kumpanija konvenuta hija naqset milli tħallsu *bonus*, *leave entitlement*, bilanċ ta' kummissjonijiet u pagamenti oħra dovuti lilu. Barra minn hekk, l-attur jgħid li l-kumpanija konvenuta ma ħallsitx it-taxxa dovuta fuq il-paga tiegħu regolarment u skont il-liġi, b'mod illi d-Dipartiment tat-Taxxi Interni qiegħed jitlob ħlas tal-istess mingħandu u dan qiegħed jikkaġunalu d-danni.

4. Għalhekk l-attur isostni li kellha ssir dina l-kawża, fejn talab lill-Ewwel Qorti:

*« 1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpanija konvenuta naqset milli tħallas "bonus", "leave entitlement", bilanċ ta' kummissjonijiet u pagamenti oħra dovuti minnha lill-esponenti u illi l-kumpanija konvenuta ma ħallsitx it-taxxa dovuta fuq il-paga tal-esponenti regolarment u skont il-liġi b'mod illi issa d-Dipartiment tat-Taxxi Interni qiegħed jitlob ħlas tal-istess mingħand l-esponenti u dan qiegħed jikkaġuna danni lill-esponenti;*

*2. Tillikwida l-"bonus", "leave entitlement", bilanċ ta' kummissjonijiet u pagamenti oħra dovuti mill-kumpanija konvenuta lill-esponenti kif ukoll id-danni kkaġunati minnha lill-esponenti, kollox kif hawn fuq spjegat;*

*3. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta tħallas l-ammont likwidat ai termini tat-tieni talba;*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija konvenuta u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.»*

5. Il-kumpanija konvenuta wieġbet fid-19 ta' Ġunju, 2015, fejn ressqet l-eċċezzjonijiet kif ġej:

*«1. Illi kull ħlas li kien dovut lill-attur skont il-ligi jew taħt il-kuntratt tal-impjieg mas-socjetà attrici ġie pienament saldat;*

*2. Illi s-soċjetà intimata ma fadlilha tagħti ebda ħlasijiet ulterjuri lill-attur;*

*3. Fi kwalunkwè każ it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*4. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.»*

6. B'sentenza mogħtija nhar it-3 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża fis-sens illi:

*«… filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta Solar Engineering Limited (C47487):*

*1. tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset f'li tagħmel uħud mill-ħlasijiet hemm imsemmija fl-istess l-ewwel talba kif ser jiġu likwidati fit-tieni kap ta' din il-parti dispożittiva ta' din is-sentenza dwar it-tieni talba attriċi;*

*2. Tilqa' t-tieni talba attriċi limitatament u tillikwida bħala dovuti mis-soċjetà konvenuta lill-attur is-segwenti valuri biss:*

*a) sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€0.27ċ) f'benefiċċji statutorji—bonuses—li s-soċjetà konvenuta naqqset f'li tħallas lill-attur;*
*b) erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) f'kummissjonijiet fuq bejgħ li s-soċjetà konvenuta naqqset f'li tħallas lill-attur;*
*ċ) elf disa' mija u ħamsa u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,925.40) f'pagamenti oħra li s-soċjetà konvenuta naqqset f'li tħallas lill-attur.*

*3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur il-valuri hekk likwidati fit-tieni kap ta' din il-parti dispożittiva ta' din is-sentenza dwar it-tieni talba attriċi.*

*Bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din id-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż ta din il-kawża a karigu tas-soċjetà konvenuta.*»

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk, kienu dawn:

*«B'din il-kawża, l-attur, wara li ppremetta li kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala aġent tal-bejgħ mill-2009 sal-2014 meta twaqqaf mill-impjieg tiegħu fuq talba tad-direttur maniġerjali tal-istess soċjetà konvenuta, is-Sur Anthony Saliba, talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-istess soċjetà konvenuta hija debitriċi tiegħu stante nuqqas tagħha f'li tħallsu: [i] benefiċċji—bonuses—statutorji; [ii] bilanċ ta' ġranet ta' leave entitlement—sahra – li ma użufruwixxiex ruħu minnu, [iii] bilanċ ta' kummissjonijiet varji dovuti lilu fuq bejgħ li għamel lis-soċjetà konvenuta flimkien ma' pagamenti oħra, u; [iv] it-taxxa pagabbli fuq l-introjtu minnu perċepit f'paga mingħandha.*

*Talba mbagħad sabiex il-Qorti tgħaddi sabiex tillikwida dawn il-valuri flimkien mad-danni rekati lilu u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallsu l-istess, bl-ispejjeż.*

*Is-soċjetà konvenuta laqgħet għal dan billi eċċeppiet li kull ħlas spettanti lill-attur sar minnha debitament u li hija ma fadlilha tagħtih xejn. Eċċepiet ukoll li f'kull każ it-talbiet atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

***Ikkunsidrat Ulterjorment:***

*Illi qabel tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet legali tagħha, din il-Qorti tħoss li huwa opportun li jingħata riassunt tal-fatti li waslu għal din il-vertenza:*

*a) L-attur wasal sabiex ġie impjegat mis-soċjetà konvenuta wara relazzjoni personali li kellu ma' oħt il-mara tad-direttur maniġerjali tagħha fejn jirriżulta li bejn l-individwi konċernati kien hemm relazzjoni tajba u għalhekk ġie offrut opportunità li huwa aċċetta li jieħu;*

*b) L-attur beda mill-bidu nett tar-relazzjoni lavorattiva tiegħu mas-soċjetà konvenuta jgħin lill-istess sabiex isib ħanut f'Malta minn fejn setgħet tkabbar il-klijentela tagħha stante li sa dakinhar kienet topera biss minn Għawdex;*

*ċ) Jirriżulta li dan seħħ, bl-attur ukoll ġie stabbilit bħala l-persuna responsabbli mill-ħanut tas-soċjetà konvenuta ġewwa l-Mosta, Malta, u dan b'effett minn Awwissu tal-2009, data li tirriżulta kemm mix-xhieda tal-attur kif ukoll minn dik tad-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta Anthony Saliba u ta' martu, Margie Saliba. L-istess data tirriżulta wkoll mill-ewwel payslip li nħarġet relattivament għall-attur mis-soċjetà konvenuta;*[1]

*d) Jirriżulta li bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta ma kienx hemm kuntratt ta' impjieg bil-miktub b'kollox kien jiġi maqbul verbalment bejn l-attur u Anthony Saliba;*

*e) Jirriżulta wkoll li tul l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta l-attur gawda minn diversi awmenti fil-paga tiegħu inkluż fejn tali awmenti ġabu tibdil dwar ftehim ulterjuri rigward overtime work u ċerti kummissjonijiet tal-fieri;*

*f) Jirriżulta ulterjorment li l-impjieg tal-attur ġie formalment terminat fil-25 ta' Marzu, 2014 b'dan iżda li l-attur baqa' jidher bħala impjegat tas-soċjetà konvenuta sal-25 ta' Mejju, 2014;*[2]

*g) Minkejja li s-soċjetà konvenuta issostni li l-attur ġie terminat mill-impjieg tiegħu fuq raġunijiet dixxiplinari, u hekk ukoll tniżżel mad-dipartiment tal-impjieg konċernat, id-direttur maniġerjali tagħha Anthony Saliba jsostni li huwa lill-attur tah in-notice b'dan li talbu ma jaħdimx l-istess għax kien fl-interess tiegħu li l-attur ma jibqax ikun fil-ħanut tas-soċjetà konvenuta ġewwa l-Mosta;*

*h) Hemm diverġenza fix-xhieda tal-attur u dik miġjuba mis-soċjetà konvenuta dwar jekk, tul l-impjieg tiegħu, l-attur kienx jingħata l-payslips*

---

[1] *Payslip ta' Awwissu, 2009 esibita minn Margie Saliba - in atti bħala t-tieni dokument f'envelop ta' lewn kannella a fol. 282 tal-proċess.*

[2] *Id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur minn mas-soċjetà konvenuta hija konfermata bħala l-25 ta' Mejju, 2014 - xahrejn wara li l-attur ġie infurmat bit-terminazzjoni - mid-dokument datat il-5 ta' Ġunju, 2014 maħruġ mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ—ETC illum JobsPlus - mehmuż mal-affidavit tal-attur bħala dokument "JA5" a fol. 44. F'dan id-dokument hemm dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur seħħet on disciplinary grounds. L-istess dokument ġie għal darb'oħra esibit mill-attur a fol. 259 din id-darba biż-żieda tal-formula li timtela filwaqt tat-terminazzjoni u li tindika r-raġuni tat-terminazzjoni li, f'dan il-każ, tirriżulta ffirmata biss mid-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta - formula a fol. 260. L-istess formula ppreżentaha għal darb'oħra d-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta stess - a fol. 444.*

*relattivi għall-introjtu tiegħu li juru wkoll il-ħlasijiet ta' taxxa u bolla magħmula f'ismu mill-prinċipal tiegħu;*

*i) Hemm ukoll diverġenza dwar tħallsux jew le l-valuri hawn f'din il-kawża mitluba mill-attur mingħand is-soċjetà konvenuta bis-soċjetà konvenuta tgħid li ssaldat d-debiti kollha tagħha mal-attur mentri l-attur jgħid li dan mhux minnu.*

***Ikkunsidrat Ulterjorment:***

*It-talbiet magħmula mill-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta huma ċari u kristalizzati fir-rikors ġuramentat tiegħu. Dawn huma:*

*a) il-benefiċċji – bonuses - statutorji;*

*b) bilanċ ta' ġranet ta' leave entitlement – sahra - li ma użufruwixxiex ruħu minnu;*

*ċ) bilanċ ta' kummissjonijiet varji dovuta lilu fuq bejgħ li għamel lis-soċjetà konvenuta u ta' pagamenti ulterjuri, u;*

*d) it-taxxa pagabbli fuq l-introjtu minnu perċepit f'paga.*

***Fir-rigward tal-benefiċċji statutorji,*** *xehdet f'din l-istanza s-Sinjura Sandra Gatt, direttriċi tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali[3] li qalet li fil-perjodu relattiv il-bonus tal-Gvern:*

> *[…] kien dejjem €135.10, dejjem jingħata f'Ġunju u Diċembru. Jiġifieri kull sena l-impjegat irid jingħata €270.20.*

*Qalet ukoll li apparti dan hemm weekly allowance li:*

> *[…] jingħata Marzu u Settembru u l-ammont huwa ta' €121.16. Jiġifieri fis-sena irid jingħata €242.32.[4]*

*Jekk tħallsux dawn il-valuri lill-attur mill-prinċipal tiegħu - is-soċjetà konvenuta - hija kwistjoni li tista' tiġi faċilment solvuta b'eżami tal-payslips maħruġa fil-konfront tiegħu mis-soċjetà konvenuta u tal-pagamenti magħmula lilu mill-istess soċjetà konvenuta.*

*B'dan illi l-payslips ser juru jekk dawn ġewx dikjarati mentri l-pagamenti ser juru jekk effettivament tħallsux.*

*Bħala pagamenti magħmula mis-soċjetà konvenuta lill-attur, dawn ġew ikkonfermati mix-xhieda tal-HSBC Bank Malta p.l.c. li esibew kopji ta' sensiela ta' ċekkijiet maħruġa lill-attur mis-soċjetà konvenuta li l-attur ikkonferma bix-xhieda tiegħu bħala rċevuti minnu. Is-soċjetà konvenuta*

---

[3] *Traskrizzjoni a fol. 336 sa 338.*

[4] *Kemm il-bonus kif ukoll il-weekly allowance jirriżultaw ukoll mis-segwenti ħolqa li twassal għall-paġna uffiċjali tad-DIER: https://dier.gov.mt/en/employment-conditions/wages/pages/bonus-and-weekly-allowances.aspx*

*fl-ebda stadju ma' kkontendiet li saru pagamenti oltre dawk ippruvati mix-xhieda tal-HSBC Bank Malta p.l.c.*

*Il-kopja ta' dawn iċ-ċekkijiet jirriżultaw in atti f'żewġ (2) envelops a fol. 167 u 175.[5] Minn dawn il-kopji jirriżulta li tul l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta l-attur tħallas total ta' ħamsa u sittin elf mitejn u erbatax-il ewro u sittin ċeneżmu (€65,214.60).*

*Sfortunatament din il-Qorti m'għandhiex mezz kif tassoċja kull ċekk ma' kull payslip u dan stante l-fatt li kif xehed kemm l-attur kif ukoll ammettew ir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta nfisha, l-valuri fuq l-istess ma' jikkorrispondux perfettament mal-payslips maħruġa b'referenza għall-attur.*

*B'dan iżda li l-valur kumplessiv taċ-ċekkijiet esibiti huwa anqas min dak kumplessiv li jirriżulta mil-FS3s maħruġa b'referenza għall-istess attur li huma fil-valur kumplessiv ta' sebgħa u sittin elf mija u erbgħin (€67,140)—eskluż dak li jista' jkun żball tal-pinna fejn fl-FS3 għas-sena 2013 it-total tad-dħul ġie mniżżel bħala wieħed u għoxrin elf tliet mija u tnejn u tletin ewro (€21,332) mentri t-total tal-payslips għall-istess sena huwa ta' tnax-il elf tmien mija u disgħin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€12,890.98) fejn allura d-diskrepenza togħla.*

*Hawnhekk il-Qorti tibda sabiex tindika li l-payslips u l-FS3s relattivi għall-attur ġew esibiti diversi drabi u dan mill-attur inniffsu,[6] mid-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta - Anthony Saliba,[7] u bl-aktar mod komplut minn mart Anthony Saliba, Margie Saliba, ukoll uffiċjal tas-soċjetà konvenuta.[8]*

*Minn dawn it-tliet (3) settijiet ta' dokumenti l-Qorti setgħet tasal għal sett wieħed komplut li juri li kull FS3 taqbel perfettament mad-dħul dikjarat bħala introjtu tal-attur fid-diversi payslips relattivi għajr għal dik tas-sena 2013 fejn l-FS3 turi total ta' wieħed u għoxrin elf tliet mija u tnejn u tletin ewro (€21,332.00) mentri l-payslips iwasslu għal total ta' tnax-il elf tmien mija u disgħin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€12,890.98).*

*Dan apparti, iżda, anke jekk jittieħdu biss il-valuri tassew riżultanti mill-payslips maħruġa b'referenza għall-attur, ukoll tirriżulta diskrepanza bejn dawn u t-total tal-ħlas magħmul mis-soċjetà konvenuta lill-attur skont iċ-ċekkijiet esibiti in atti u dan kif diġà ntqal hawn aktar 'il fuq.*

*Din id-diskrepanza hija ta' elf disa' mija u ħamsa u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,925.40) (sebgħa u sittin elf mija u erbgħin ewro [€67,140] total tal-FS3 tenut kont tal-kwistjoni dwar l-FS3 tal-2013 fuq indikata - ħamsa u sittin elf mitejn u erbatax-il ewro u sittin ċenteżmu*

---

[5] *Uħud minn dawn l-istess ċekkijiet ġew għal darb'oħra esibiti minn Anthony Saliba a fol. 324 sa 326 - inkluż in retro paġina, u wieħed ġie għal darb'oħra esibit mill-attur a fol. 105.*
[6] *A fol. 51 sa 104.*
[7] *A fol. 448 sa 514.*
[8] *F'envelop a fol. 282.*

*[€65,214.60], total taċ-ċekkijiet = elf disa' mija u ħamsa u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu [€1,925.40]) li anke peress li din il-Qorti, kif diġà ntqal, m'għandhiex mezz kif tassoċja kull ċekk ma' kull payslip jew addirittura pagament individwali ser jitqies bħala nuqqas fi ħlas ta' paga bażika.*

*Magħdud dan, din il-Qorti qieset kull payslip individwali u sabet li għalkemm il-valuri dovuti bħala benefiċċji statutorji jirriżultaw kif imiss kull Marzu, Ġunju, Settembru, u Diċembru jirriżultaw nieqsa kif isegwi:*

*a) f'Settembru, 2009 tħallas tnejn u tletin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€32.61) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*[9]

*b) f'Diċembru 2009 tħallas mija u tliet ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€103.92) minflok mija u ħamsa u tletin ewro u għaxar ċenteżmu (€135.10);*[10]

*c) f'Marzu 2010 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

*d) f'Settembru 2010 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

*e) f'Marzu 2011 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

*f) f'Settembru 2011 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

*g) f'Marzu 2012 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

*h) f'Settembru 2012 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

*i) f'Marzu 2013 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

---

[9] *Ċifra tirriżulta korretta meta kkalkolati l-ġimgħat ta' impjieg tiegħu mill-bidu tal-impjieg sad-data tal-pagament b'erba' ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66) kull ġimgħa li ħadem.*

[10] *Valur korrett stante li ma bediex is-sena 2009 mill-bidu b'dan li dan il-bonus ġie kkalkolat bil-erba' u sebgħin ċenteżmu (€0.74ċ) kull ġurnata ta' xogħol maħduma.*

*j) f'Settembru 2013 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin ewro u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

*k) f'Marzu 2014 tħallas mija u wieħed u għoxrin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€121.13) minflok mija u wieħed u għoxrin u sittax-il ċenteżmu (€121.16);*

*Minn hawn jirriżulta allura li l-attur ma tħallasx il-valur ta' sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€0.27ċ) f'benefiċċji statutorji.*

***Fir-rigward ta' bilanċ ta' ġranet ta' leave entitlement – sahra -** li l-attur jallega li ma użufruwix ruħu minnu, għalkemm saru diversi allegazzjonijiet f'dan is-sens mill-attur fejn fl-ewwel affidavit tiegħu jallega li kien fadallu sebgħa u sittin (67) ġurnata[11] mentri fl-ittra mibgħuta mir-rappreżentant legali tiegħu - mingħajr data iżda mibgħuta b'risposta għal dik tar-rappreżentant legali tas-soċjetà konvenuta datata t-12 ta' Mejju, 2014 - jgħid li kien fadallu biss jieħu sittax-il ġurnata punt ħamsa,[12] u l-istess jerġa' jgħid f'imejl tiegħu mibgħuta lid-direttur maniġerjali tas-soċjetà konvenuta nhar l-1 ta' April, 2014.[13]*

*B'dan li ebda provi indipendenti ma nġabu mill-attur jew intalbu minnu mingħand is-soċjetà konvenuta dwar dan tul l-andament ta' din il-kawża li nbdiet fl-2015 bl-attur għalaq il-provi tiegħu fit-12 ta' Jannar, 2018.[14]*

*Din il-Qorti hija għalhekk kompletament sprovvista minn kull prova li tista' twassal għal dikjarazzjoni u ordni tagħha dwar dan il-mertu.*

***Rigward bilanċ ta' kummissjonijiet varji** li l-attur jallega li huwa dovut lilu fuq bejgħ li għamel lis-soċjetà konvenuta u ta' pagamenti ulterjuri, din il-Qorti tosserva li fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tagħha, is-soċjetà konvenuta tagħmel diversi sottomissjonijiet dwar il-kreddibiltà o meno tal-attur u dwar il-provi li kienu jinkombu fuqu dwar dan il-mertu.*

*Il-Qorti tosserva li mentri l-attur kien konsistenti dwar dati meta żdied fil-paga u f'liema valur żdied, dwar li huwa qatt ma ra FS3 jew payslip relattiva għall-impjieg tiegħu għajr meta nbdew dawn il-proċeduri, u; dwar li l-kummissjoni kienet dovuta lilu bit-tnejn fil-mija (2%) fuq il-valur nett mit-taxxa fuq il-valur miżjud ta' kull bejgħ li għamel għas-soċjetà konvenuta, asserzjonijiet li ġew anke korroborati mix-xhud Timothy Jones; is-soċjetà konvenuta naqset f'diversi rigwardi li tindirzza b'mod idonju dawn l-asserzjonijiet.*

*Infatti, is-soċjetà konvenuta kemm-il darba sostniet li hija dejjem fornit lill-attur bil-payslips, inkluż billi dawn kienu mibgħuta lilu bl-imejl, iżda,*

---

[11] *Ref. para. 46 tal-istess affidavit fil-paġna tiegħu a fol. 30.*
[12] *Ref. para. 4 tal-ittra a fol. 40 u 41.*
[13] *Imejl a fol. 112.*
[14] *Verbal a fol. 410.*

*l-obbligazzjoni li għamel id-direttur maniġerjali tagħha stess—Anthony Saliba—li jitressqu kopji ta' dawn l-imejls qatt ma ġiet eżawrita.*[15]

*Oltre dan, għalkemm l-istess Anthony Saliba ppreżenta imejl allegatament turi mill-attur jinforma lill-persuna terza li kienet interessata li tiġi impjegata mas-soċjetà konvenuta li l-kummissjoni kienet ta' wieħed fil-mija (1%), l-istess Anthony Saliba m'għamel ebda sottomissjoni dwar ir-risposti mogħtija għal din l-asserzjoni mill-attur in kontroeżami fejn irribadixxa li Anthony Saliba kien sikwit jimpersonizza impjegati tiegħu, kemm bit-telefon u kemm bl-imejl.*

*Il-Qorti tqis ukoll li l-asserzjoni tal-attur li kien qiegħed jirċievi pagamenti b'ċekkijiet varji fejn jgħid, inkluż in kontroeżami, li tali ċekkijiet kienu jidhru li qed iħallsu paga u xi spejjeż li seta' kien għamel fl-interess tas-soċjetà konvenuta. Tenut kont tal-assjem tal-provi din l-asserzjoni tal-attur tirriżulta verosimili meta wieħed iqabbel il-valuri ta' kull ċekk mal-paga li skont l-attur kienet pagabbli lilu tul iż-żmien.*

*Hawnhekk, il-Qorti hija għalhekk aktar propensa temmen lill-attur li filwaqt li l-awmenti fil-paga tiegħu seħħew kif xehed huwa fl-ewwel affidavit tiegħu u ċ-ċekkijiet li kienu qed jingħatawlu kienu jirriflettu dan, finalment irriżulta li fuq l-FS3s tiegħu l-introjtu tiegħu tniżżel anqas u dan għal raġuni li tafha biss is-soċjetà konvenuta.*

*Dan isaħħaħ ukoll it-twemmin ta' din il-Qorti li dment li l-attur kien qed jirċievi ċekk li jirrifletti l-paga li kien jaf bħala spettanti lilu, filwaqt li kien regolarment jittenta jiġbor xi parti mill-kummissjoni dovuta lilu, huwa ma kellux għalfejn ikun inkwetat li seta' kien hemm diverġenza fl-FS3.*

*Għall-kuntrarju, l-argument tas-soċjetà konvenuta li ċ-ċekkijiet tal-paga ma jirriflettux l-FS3 għaliex fihom kien qed jiżdied pagament akkont versu kummissjonijiet futuri ma jirriżultax kredibbli.*

*Huwa risaput li kummissjoni titħallas wara li jiġi konkluż bejgħ fuq kalkolu tal-valur tal-istess.*

*Tirriżulta għalhekk il-kredibbiltà tal-attur.*

*Oltre minm hekk, il-fatt li fl-ittri mibgħuta bejn l-avukati dakinhar patroċinanti l-partijiet qabel l-intavolar ta' din il-kawża tidher ċara r-referenza għal dokumenti li s-soċjetà konvenuta għamlet disponibbli lill-attur u lill-impjegat ieħor tagħha - Timothy Jones - juri li s-soċjetà konvenuta kienet konxja li kien baqa' pendenzi.*[16]

*Infatti, is-soċjetà kovenuta għamlet disponibbli żewġ settijiet ta' dokumenti ossia lista ta' klijenti b'negozji magħluqin magħha, kemm lill-attur kif ukoll lil Timothy Jones.*

---

[15] *Xhieda ta' Saliba a fol. 313 sa 323.*
[16] *Kopji ta' ittri legali a fol. 37 sa 43.*

*Dawn iż-żewġ individwi kienu koerenti f'li xehdu li l-ewwel lista kienet lista kompluta ta' klijenti fejn huma indikaw dawk li skonthom kienu klijenti tagħhom mentri l-listi li segwew kienu dawk fejn seta' kien hemm overlap bejn dak dikjarat minnhom fl-ewwel lista b'dan li mbagħad l-istess overlap ġie ċċarat minnhom stess lis-soċjetà konvenuta. Tant li kemm l-attur kif ukoll Jones ma jagħmlu ebda akkuża 'l wieħed verso 'l ieħor u, fl-ittra tal-avukat patroċinanti l-attur mibgħuta b'risposta għal dik tas-soċjetà konvenuta datata t-12 ta' Mejju, 2014, l-attur informa lil-legali tas-soċjetà konvenuta li Jones kien lest jikkonferma magħha li l-lista finali turi proprju n-negozji magħluqa mill-attur.*[17]

*Din il-Qorti hija għalhekk moralment konvinta li l-attur huwa dovut bilanċ ta' kummissjoni u dan ai termini tal-lista annessa mal-ewwel affidavit tiegħu bħala dokument "JA6" u fil-valur ta' erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) kif anke dikjarat bħala dovut lilu fl-istess affidavit.*[18] *Valur li ma ġie bl-ebda mod ikkontestat mis-soċjetà konvenuta li għalkemm qalet diversi drabi li l-attur seta' ddikjara bħala bejgħ tiegħu bejgħ ta' terzi oltre Timothy Jones, ma ressqet ebda prova dwar dan. Anzi, mal-affidavit tar-rappreżentant tagħha Anthony Saliba tressaq wieħed mill-istess dokumenti li ressqu kemm l-attur kif ukoll Timothy Jones*[19] *filwaqt li l-attur u Jones t-tnejn qablu li l-kwistjoni ta' xi reġistrazzjonijiet tal-istess negozji doppjament seħħ biss bejniethom, b'Jones ressaq spjegazzjoni kredibbli għal din il-Qorti dwar dan fejn qal li peress li huwa kien ikun xogħol fuq barra mentri l-attur kien ikun fil-ħanut, kien l-attur li jieħu ħsieb iżomm ċerti rendikonti. Il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm is-soċjetà konvenuta tipprova tixħet dubbju dwar jekk l-attur kienx ikun waħdu fil-ħanut tal-Mosta jew le, l-attur inniffsu ta' rendikont ta' meta hu stess beda jinterroga diversi kandidati sabiex jaħdmu miegħu, inkluż lil Timothy Jones, mentri ix-xhieda li ressqet is-soċjetà konvenuta dwar dan il-mertu ossia, lil Joseph Brian Portelli, Joseph Portelli u Robert Axiak, ilkoll bdew l-impjieg tagħhom fis-sena 2013, ossia lejn l-aħħar tal-impjieg tal-attur mas-soċjetà konvenuta liema impjieg ġie terminat f'Marzu, 2014. B'dan li dawn ċertament ma jistgħux jitqiesu bħala l-aħjar xhieda dwar l-impjieg tal-attur fir-rigward ta' din l-istanza. Oltre l-fatt li l-istess xhieda kienu pjuttost xotti fl-informazzjoni li offrew.*

*Tirriżulta għalhekk verosimili l-lanjanza tal-attur li huwa dovut kummissjoni addizzjonali. Jirriżulta wkoll kredibbli l-ammont mitlub fil-valur ta' erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) li kien anke diġà enunċjat fl-ittra tal-legali tal-attur diġà msemmija.*[20]

*Mhux l-istess iżda jista jingħad dwar il-valur aktar elevat li ġie mitlub aktar tard waqt il-gbir tal-provi f'din il-kawża fejn b'affidavit addizzjonali tal-attur intalab il-valur ta' dsatax-il elf tliet mija u ħamsa u tmenin ewro*

---

[17] *Para. 6, ittra legali a fol. 40 u 41.*
[18] *Affidavit a fol. 24 sa 36 u dokument "JA6" a fol. 45 sa 49.*
[19] *Ref dokument mal-affidvait ta' Anthony Saliba a fol. 521 sa 522, mal-ewwel affidavit tal-attur a fol. 50 inkluż in retro pagina u miġjub waqt ix-xhieda ta' Timothy Jones a fol. 619 sa 620.*
[20] *A fol. 40 u 41.*

*u sitta u tletin ċenteżmu (€19,385.36) f'kummissjonijiet.*[21] *Valur imsejjes fuq eżerċizzju tal-attur fuq sensiela ta' dokumenti li ġew esibiti in atti mir-rappreżentant tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Owen Ellul.*[22]

*Dan tenut kont tal-fatt li tali eżerċizzju tal-attur sar unilateralment minnu mingħajr ma ressaq, jew talab li jiġi sottomess, kif seta' u kellu l-opportunità li jagħmel, l-inkartament relattiv għal kull negozju hemm imsemmi f'dawk il-listi sottomessi mir-rappreżentant tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Owen Ellul. Inkartament li kien jixħet dawl importanti dwar l-allegazzjonijiet taż-żewġ partijiet rigward l-entraturi fl-istess dokumenti kif esibiti mir-rappreżentant tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma, Owen Ellul.*

*Jingħad li l-istess dokumenti huma sprovvisti minn kull informazzjoni dwar klijenti tas-soċjetà konvenuta u sales aġents tagħha li setgħu kienu involuti fin-negozji relattivi. B'dan li din il-Qorti m'hijiex fil-pożizzjoni li taċċerta ruħha li l-istess negozji ngħalqu mill-attur kif fill fatt hija dwar il-valur ta' erbat elef seba' mija u għoxrin ewro (€4,720) li ġie kkonfermat wara eżerċizzju intrapriż bejn l-attur, is-soċjetà konvenuta, u terz - Timothy Jones - fuq dokumenti provduti mis-soċjetà konvenuta nfisha.*

*Dwar ammonti addizzjonali li skont l-ewwel affidavit tal-attur din il-Qorti għandha tillikwida hija,*[23] *din il-Qorti tosserva li għalkemm f'diversi stadji tul l-andament ta' din il-kawża l-attur allega bejgħ ta' prodotti tas-soċjetà konvenuta mil-ħanut tagħha fil-Mosta, liema prodotti jinkludu appliances bħal air-conditioners u solar water heaters, u għalkemm fuq talba tal-attur is-soċjetà konvenuta ppreżentat dokumenti li juru total ta' bejgħ mill-ħanut tal-Mosta, ebda valur ma ġie speċifikat bħala wieħed ta' bejgħ mill-attur bis-soċjetà konvenuta anzi tgħid li d-dokumenti sottomessi minnha juru valuri ta' negozji li għalkemm konklużi bnadi oħra setgħu nġabru mill-ħanut tal-Mosta. B'dan li din il-Qorti m'għandhiex mezz kif tidentifika u tindika hi xi valur bħala dovut lill-attur f'dan il-mertu.*[24]

***Rigward it-taxxa pagabbli fuq l-introjtu perċepit mill-attur f'paga*** *u jekk din tħallsitx kif imiss mis-soċjetà konvenuta, din il-Qorti tosserva li l-attur fil-fatt irċieva kontijiet dwar taxxa pendenti maħruġa lilu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni għas-snin 2011, 2012, 2013, u 2014.*[25]

*Dawn il-kontijiet għajr għal dak tas-sena bażi l-2011 jidentifikaw lis-soċjetà konvenuta bħala l-prinċipal tal-attur. Oltre dan, kull wieħed minn dawn il-kontijiet jispeċifika fuqu l-istess valur dikjarat mil-prinċipal tal-attur bħala dak devolut lill-attur f'paga fuq l-FS3s għas-snin relattivi u*

---

[21] *Affidavit a fol. 295.*
[22] *Dokumenti f'envelop a fol. 244 u kopja tagħhom mmarkata bil-pinna mill-attur u mehmuża mal-affidavit ulterjuri tiegħu a fol. 296 sa 312.*
[23] *Vide fol. 32 u 33 tal-affidavit tal-attur.*
[24] *Rendikont tal-bejgh tal-ħanut tal-Mosta għas-snin 2009, 2010, 2011, u 2012 a fol. 349 sa 389.*
[25] *Kontijiet a fol. 108 sa 111.*

*juri wkoll l-istess valur ta' taxxa mnaqqsa mill-paga tal-attur mis-soċjetà konvenuta skont l-istess FS3s.*

*B'dan li huwa allura ċar li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni ħadem fuq l-introjtu perċepit mill-attur kif ukoll fuq t-taxxa li tnaqqsitlu mill-istess kif dikjarat mis-soċjetà konvenuta iżda sab li għal xi raġuni s-soċjetà konvenuta kienet naqqset anqas taxxa milli kellha tnaqqas.*

*Infatti, fuq l-istess kontijiet mibgħuta lill-attur id-Dipartiment jindika wkoll il-bilanċ li baqa' dovut f'taxxa wara li tnaqqset it-taxxa miġbura mis-soċjetà konvenuta minn dik attwalment dovuta.*[26]

*Fix-xhieda mogħtija minnu quddiem din il-Qorti, George Borg, Assistent Direttur fi ħdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, xehed kif il-prinċipal huwa obbligat jissottometti l-FS3s u jagħmel il-ħlasijiet skont l-istess b'dan li mbagħad id-dipartiment jalloka l-ħlasijiet ta' taxxa magħmula mill-prinċipal skont l-FS3 u suppost dawn jiġu rikonċiljati perfettament. Xi ħaġa li f'dan il-każ tirriżulta li ġrat.*

*Jibqa' iżda l-fatt li għalkemm is-soċjetà konvenuta għamlet il-ħlasijiet tat-taxxa skont l-FS3s sottomessi, huwa ċar li fl-istess FS3s kien hemm żball fil-kalkolu tat-taxxa dovuta u pagabbli.*

*L-istess xhud Goerge Borg spjega li dan ifisser li konsegwentement l-attur irċieva aktar paga milli kien imissu tenut kont tal-fatt li t-taxxa titnaqqas mil-paga b'dan li jekk allura tnaqqset anqas taxxa milli kellha titnaqqas, id-differenza ġiet perċepita mill-impjegat - l-attur.*

*Ix-xhud George Borg jgħid li finalment, ladarba l-prinċipal jissottometti d-dokumenti relattivi, l-impjegat ikun protett rigward il-pagamenti ddikjarati fl-FS3 b'dan li anke jekk il-prinċipal jonqos f'li jaghmel il-ħlasijiet relattivi, id-Dipartiment imexxi kontra l-prinċipal mhux kontra l-impjegat.*

*B'dan iżda li minn din ix-xhieda ta' George Borg jirriżulta li din il-protezzjoni testendi biss għall-valuri dikjarati fuq l-FS3 bid-Dipartiment fil-fatt imexxi, kaf hawn għamel, kontra l-impjegat għall-ħlasijiet ta' valuri ulterjuri li jirriżultaw dovuti iżda li ma jkunux imniżżla fuq l-FS3.*

*Ir-raġunament jidher li hu li finalment, huwa il-pagatur tat-taxxa proprju, f'dan il-każ l-attur, li huwa responsabbli li jara li mingħandu jnaqqas it-taxxa mil-paga tiegħu sabiex iħallasha lid-Dipartiment ikun qed jagħmel hekk, u jagħmel hekk fil-valur korrett.*

*Id-Dipartiment isostni li dan huwa hekk peress li d-Dipartiment jistrieħ fuq id-dikjarazzjonijiet tal-prinċipal b'dan li l-impjegat jista' jkollu introjtu ieħor injot għad-Dipartiment.*

---

[26] *Vide kontijiet a fol. 109 sa 111 bit-taxxa miġbura mis-soċjetà konvenuta indikata fil-parentesi mentri dik li baqgħet pendenti u dovuta indikata aktar 'l isfel bħala "ammont dovut".*

*Infatti, is-sistema qiegħda li l-prinċipal jissottometti l-FS3 u l-ħlas tat-taxxa lid-Dipartiment u jibgħat ukoll kopja tal-istess lill-impjegat sabiex l-istess iżid, jekk ikun il-każ, kwalunkwe dħul ieħor taxxabbli li jista jkun qed jipperċepixxi.*

*Huwa għalhekk ċar għal din il-Qorti li filwaqt li l-iżball oriġinali jidher li sar mill-prinċipal, ossia mis-soċjetà konvenuta, li fl-FS3s li ssottomettiet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fir-rigwrad tal-attur għamlet kalkolu tat-taxxa ħażin, l-attur kien finalment responsabbli jara li kollox kien qiegħed isir kif suppost, kif kien ukoll responsabbli jagħmel id-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tiegħu li jirriżulta li f'xi każijiet naqas li jagħmel.*

*Oltre minn hekk, huwa ċar li t-taxxa li kellha titnaqqas mill-paga tal-attur mis-soċjetà konvenuta baqgħet mal-paga li pperċepixxa l-attur b'dan li jekk issa din il-Qorti tordna l-ħlas tal-istess mis-soċjetà konvenuta dan iwassal għall-arrikkiment indebitu tal-attur a skapitu tas-soċjetà konvenuta.*

*B'dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal dak misjub minn din il-Qorti fir-rigward ta' l-FS3 għas-sena 2013 fejn jista' jirriċulta żball tal-pinna dwar id-dħul reali tal-attur stante diskrepanza bejn id-dħul dikjarat fl-FS3 u dak li jirriżulta mill-payslips relattivi.»*

8. Il-kumpanija konvenuta ressqet l-appell tagħha fl-1 ta' Novembru, 2023, u fih talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru, 2023, u tiċħad it-talbiet tal-attur kif milqugħa mill-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat. Iż-żewġ aggravji tagħha huma: (i) li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha billi l-attur ma laħaqx il-livell tal-prova meħtieġa; u (ii) li l-Ewwel Qorti, minkejja n-nuqqas ta' ftehim dwar ħlas ta' kummissjoni ta' 2%, emmnet lill-istess attur u ma ħadmitx l-**Artikolu 1362 tal-Kodiċi Ċivili.**

9. L-attur appellat wieġeb għall-appell imressaq mill-kumpanija konvenuta fit-18 ta' Diċembru, 2023 fejn ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud. .

10. Wara li din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

11. L-appell tal-kumpanija konvenuta jissejjes fuq żewġ aggravji. Fl-**ewwel aggravju tagħha**, il-kumpanija konvenuta appellanti, tilmenta dwar in-nuqqas ta' prova tal-kreditu min-naħa tal-attur appellat. Tgħid li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija waħda żbaljata peress li l-attur ma rnexxielux iressaq prova li kien kreditur tagħha u kellu jieħu €4,720 bħala ħlas ta' kummissjonijiet u €1,925.40 f'pagamenti oħra mingħandha. Tissokta tgħid li għalkemm l-Ewwel Qorti għażlet li temmen il-verżjoni tal-attur, ma tressqitx prova tal-kreditu dovut fuq il-bejgħ li għamel l-attur. Għaldaqstant tisħaq li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti mhix sostnuta minn provi. L-appellanti targumenta li ladarba l-attur qiegħed jitlob kanonizzazzjoni ta' kreditu, kellha ssir prova tal-kreditu pretiż, bil-mezz li titlob il-liġi. Skont il-kumpanija appellanti, l-attur ma ta l-ebda rendikont

tal-bejgħ li fuqu kien fadallu jitħallas kummissjonijiet u ladarba huwa kien qed jallega debitu mela allura kien obbligat jipprova l-allegazzjoni tiegħu.

12. Il-kumpanija appellanti tagħmel referenza għall-**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u għall-ġurisprudenza fis-sens li huwa obbligu tal-kreditur li jressaq l-aħjar prova tal-kreditu minnu pretiż u li jekk ma jirnexxilux jagħmel dan, ma jiskatta l-ebda obbligu tal-konvenut li jressaq xi prova. Kif ukoll, huwa biss meta l-attur iressaq provi konvinċenti dwar il-kreditu minnu pretiż, li jiskatta l-oneru fuq il-konvenut li jressaq provi konvinċenti li l-kreditu tħallas. Tisħaq li fin-nuqqas ta' prova tal-kreditu ta' €4,720 min-naħa tal-attur appellat, dan l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti ma jistax jitqies ġustifikat.

13. Dwar l-ammont ta' €1,925.40 likwidat mill-Ewwel Qorti bħala diskrepanzi bejn il-*payslips* u t-total tal-ħlasijiet magħmula mill-kumpanija appellanti lill-attur skont iċ-ċekkijiet esibiti, l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti warrbet l-ispjegazzjoni mogħtija minn Anthony Saliba fl-affidavit tiegħu. Dan fis-sens illi d-diskrepanza hija dovuta għall-fatt li l-attur kien xtara numru ta' prodotti għad-dar tiegħu għall-valur ta' €1,350 skont il-fattura esibita[27] fl-atti, liema kont ma kienx kontestat mill-attur. Għalhekk l-kumpanija appellanti ssostni li kien hemm tpaċija skont l-**Artikoli 1196** u **1197 tal-Kodiċi Ċivili**. F'kull każ, il-kumpanija appellanti ttenni li bil-

[27] Ara fattura esibita bħala Dok. AS25 f'paġna 527 tal-proċess.

pagamenti magħmula minnha ma kellux jirriżulta bilanċ ta' €1,925.40 favur l-attur, kif ingħad mill-Ewwel Qorti.

14. Għalkemm il-kumpanija appellanti tikkonċedi li sar żball meta fl-FS3 għas-sena 2013, ġie dikjarat dħul ta' €21,332.00, meta d-dħul dik is-sena kien dak ta' €12,890.98, tgħid li f'kull każ, it-taxxa li tħallset żejda, tista' titqies bħala kreditu fil-kont tat-taxxa tal-attur appellat u li hija ma ħadet l-ebda benefiċċju mill-ħlas żejjed magħmul minnha. Dan il-ħlas żejjed, jista' jew jiġi rifuż lill-attur, jew jittieħed bħala kreditu fil-kont tat-taxxa tiegħu, mingħajr ma jbati ebda telf. Għalhekk, jingħad mill-appellanti li l-ammont ta' €1,925.40 likwidat mill-Ewwel Qorti mhux ġustifikat.

15. Fl-aħħar parti tal-ewwel aggravju jingħad mill-kumpanija appellanti li l-ammont ta' €0.27 li skont l-Ewwel Qorti tħallset nieqsa f'benefiċċji statutorji huwa wieħed insinifikanti u lil hinn mill-fatt li jingħad li fis-sena 2010 sar ħlas żejjed ta' €0.60 fl-interess tal-attur f'kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal dik is-sena, f'kull każ kellu japplika l-prinċipju *de minimis non curat praetor.*

16. Fit-**tieni aggravju tagħha**, il-kumpanija appellanti tilmenta li minkejja n-nuqqas ta' ftehim ċar bejn il-partijiet dwar ir-rata tal-ħlas tal-kummissjoni, l-Ewwel Qorti minflok ħaddmet l-**Artikolu 1362 tal-Kodiċi**

**Ċivili**, għażlet li temmen il-verżjoni tal-attur, li kellu jitħallas bit-2%, billi din ġiet korroborata minn impjegat ieħor, Timothy Jones. Dan meta skont korrispondenza esibita fl-atti[28] rriżulta li l-istess attur kien bagħat jgħarraf lil terza persuna li fost il-kundizzjonijiet tal-impieg, kien hemm ħlas ta' kummissjoni ta' 1% fuq il-bejgħ li jsir. L-appellanti tinsisti li huwa ċar li bejn il-partijiet ma kienx hemm ftehim u fin-nuqqas ta' ftehim, kellha tiġi applikata r-rata ta' 1%, kif tapplika f'każ ta' senserija fuq il-bejgħ ta' ħwejjeġ mobbli, skont il-liġi.

17. Din il-Qorti ser tgħaddi mal-ewwel sabiex tqis **l-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti**, u tibda billi tislet xi prinċipji rilevanti mill-ġurisprudenza dwar il-prova li hija meħtieġa li ssir f'każ li jingħad li l-imħarrek, jew f'dan il-każ, l-imħarrka hija debitriċi. Kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Jannar, 2025, fil-kawża fl-ismijiet ***Wood Systems SRLS v. Alex Cutajar***, bħala prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza, jingħad li l-piż tal-prova tal-eżistenza tad-dejn tmiss lil min ikun fetaħ il-kawża (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' April, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Attard et v. Mark Anthony Barbara et***). Dan huwa minnu, billi min jaġixxi għal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu tabilħaqq jeżisti (ara ***Sergio Manché v. Tony Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u ***Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003).

[28] Ara paġna 533 tal-proċess.

F’każ ta’ dubju raġonevoli jekk l-ammont huwiex dovut jew le, dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għaliex l-oneru tal-prova tal-eżistenza tad-dejn jibqa’ dejjem fuq l-attur.

18. Min-naħa l-oħra, id-debitur li jkun qiegħed jikkontesta l-kreditu għandu wkoll iġib l-aħjar prova sabiex isostni d-difiża tiegħu. Fil-ġurisprudenza ngħad ukoll, li fin-nuqqas ta’ rċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista’ ssir b'mezzi oħra, kemm permezz ta’ provi diretti bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll permezz ta’ provi indiretti bħalma huma preżunzjonijiet u indizji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara s-sentenzi ta’ din il-Qorti tas-16 ta’ Lulju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Rylex Holdings Limited et v. All Financial Services Limited*** u dik tal-31 ta’ Mejju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Maryanne Vella v. Brian Zammit et***).

19. Hekk ukoll, il-prova tal-pagament għandha ssir b’mod “*konvinċenti u konklussiv*” (ara ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et nomine*** deċiża minn din il-Qorti, fil-5 ta’ Ottubru, 1998) u fid-dubju “*għandha tipprevali l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx*” (ara f’dan is-sens, is-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta’ ***Maria Stella Calleja v. Brian Degorgio*** deċiża fis-17 ta’ Marzu, 2022, u ***Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri*** deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta’ Mejju, 2010).

20. Minn dan jinżel li, tabilħaqq il-kumpanija appellanti tgħid sew meta tislet il-prinċipji marbuta mal-**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fis-sens li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. F'dan il-każ fl-ewwel lok l-oneru kien dak tal-attur, ladarba huwa ressaq il-kawża fuq il-premessa li huwa kreditur tal-kumpanija konvenuta. Madankollu, wara li din il-Qorti eżaminat l-atti voluminużi tal-kawża, qajla jista' jingħad li l-kumpanija konvenuta għandha raġun dwar il-mertu tal-ewwel aggravju tagħha.

21. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-kumpanija appellanti, l-attur ressaq provi dettaljati dwar kif wasal għall-bilanċ li kien qiegħed jippretendi dwar il-ħlas ta' kummissjonijiet dovuti lilu. Hawnhekk issir referenza għall-ewwel affidavit tal-attur, li miegħu esibixxa bosta dokumenti, fosthom dawk immarkati JA6 u JA7. L-istess attur ifisser kif huwa, flimkien ma' ħaddiem ieħor Timothy Jones, ingħataw dawn id-dokumenti minn Anthony Saliba, direttur eżekuttiv fi ħdan il-kumpanija konvenuta. Dan ifisser li l-pretensjonijiet tal-attur huma prinċipalment imsejsa fuq dokument maħruġ mill-istess kumpanija konvenuta.

22. L-attur ifisser kif wasal għall-bilanċ ta' €4,720, dovuti lilu bħala kummissjonijiet għall-bejgħ li sar fis-sena 2013, wara li mil-lista mogħtija lilu mill-istess kumpanija attriċi, silet dawk it-transazzjonijiet li kienu mwettqa minnu, nkluż il-prezz għal kull waħda minnhom, sabiex wasal

għat-total ta' €573,514. Minn dan l-ammont naqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud ta' 18%, sabiex wasal għat-total ta' bejgħ li fuqu kien intitolat kummissjonijiet, jiġifieri €486,028.80. Meta kkalulkula l-perċentwal ta' 2% fuq dan l-ammont, li skont l-attur kien miftiehem bejnu u bejn ir-rappreżentant tal-kumpanija appellanti, dan wassal għal €9,720. L-attur jistqarr li huwa rċieva numru ta' pagamenti mill-kumpanija attriċi, sabiex wara li naqqas dak li tħallas lilu fit-total ta' €5,000, jifdal bilanċ ta' €4,720. Ma jirriżultax li hemm xi kontestazzjoni dwar dan l-eżerċizzju matematiku mwettaq mill-attur appellat (għajr għar-rata ta' 2% li għad trid tiġi mistħarrġa).

23. Lil hemm mill-fatt li l-attur ipprovda din l-ispjegazzjoni dettaljata, tabilħaqq, kif osservat mill-Ewwel Qorti, dan il-bilanċ intalab mill-attur mal-ewwel minnu meta ntbagħtet l-ittra legali f'Mejju tas-sena 2014[29]. Ma saret l-ebda kontestazzjoni mill-kumpanija konvenuta dwar il-fatt li kienet hija li pprovdiet id-dokument oriġinali, jew dwar il-prezz imniżżel mill-attur fir-rigward tat-transazzjonijiet li fuqhom huwa kien qiegħed jippretendi l-ħlas. Minbarra dan, huwa minnu li r-rappreżentanti tal-kumpanija konvenuta taw xhieda fis-sens li d-diżgwid fuq il-ħlas tal-kummissjonijiet inħoloq bil-fatt li kemm l-attur kif ukoll impjegat ieħor, it-tnejn talbu l-ħlas tal-kummissjoni fuq l-istess bejgħ,[30] jew li l-attur kien qiegħed iniżżel il-

[29] Ara Dok. JA 3 f'paġna 40 tal-proċess, bejn il-korrispondenza mibgħuta mid-difensur tal-kumpanija attriċi bejn it-12 ta' Mejju, 2014 u t-30 ta' Mejju, 2014.
[30] Ara xhieda ta' Margie Saliba f'paġna 267 tal-proċess u xhieda ta' Anthony Saliba f'paġni 347 u 348.

bejgħ kollu li jsir f'Malta fuq ismu[31]. Madankollu, lil hemm mill-fatt li l-attur jiċħad li kien hemm każijiet fejn huwa u l-ħaddiem l-ieħor li kien jaħdem miegħu l-Mosta kienu qegħdin t-tnejn jippretendu ħlas ta' kummissjonijiet fuq l-istess bejgħ[32], l-istess kumpanija konvenuta ressqet b'xhud lil Timothy Jones, li għamel żmien ukoll impjegat mal-kumpanija konvenuta.

24. Dan ix-xhud fisser kif kien inħoloq diżgwid, hekk kif il-kumpanija konvenuta għaddiet lista ta' bejgħ li fuqhom kien hemm pendenti l-ħlas tal-kummissonjiet dovuti lilu u lill-attur, aktar minn sena wara li kien sar il-bejgħ, iżda jiċħad li ntalbu kummissjonijiet doppji[33]. Ix-xhud esibixxa żewġ listi, dik li l-kumpanija konvenuta għaddiet liż-żewġ impjegati, sabiex fuqha jiġi indikat dak li nbiegħ minn kull wieħed minnhom[34], filwaqt li t-tieni dokument huwa dak fejn fuqu ġew indikati t-transazzjonijiet kollha li fuqhom l-istess impjegat Jones kellu jitħallas il-kummissjonijiet dovuti lilu[35]. Jones jiċħad kategorikament li kien hemm transazzjonijiet li fuqhom kienu qegħdin jippretendu ħlas ta' kummissjoni kemm hu, kif ukoll l-attur (jiġifieri doppja)[36]. Jingħad ukoll mix-xhud li qatt ħadd ma nfurmah li kien hemm xi kummissjoni li huwa kien qiegħed jippretendi l-ħlas tagħha, li fuqha kellu pretensjoni ta' ħlas l-attur ukoll.

---

31 Ara xhieda ta' Anthony Saliba f'paġni 315 u 344 tal-proċess.
32 Ara xhieda ta' Julio Azzopardi f'paġni 406 u 629 tal-proċess.
33 Ara xhieda ta' Timothy Jones f'paġna 555 tal-proċess.
34 Ara Dok. TJA1 f'paġni 589 sa 597 tal-proċess, li huwa bażikament identiku għal Dok. MSA2 ppreżentat mid-difensur tal-kumpanija konvenuta f'paġni 613 sa 618 tal-proċess, li huwa ffirmat kemm minn Jones u minn Anthony Saliba.
35 Ara Dok TJA2 f'paġni 599 u 600 tal-proċess.
36 Ara paġni 581 u 586 tal-proċess.

25. Mhuwiex kontestat mill-kumpanija konvenuta, li minkejja li l-attur kellu kuntratt indefinit li ma jirriżultax li sar bil-miktub, kien hemm ftehim għall-ħlas ta' kummissjoni. Id-diverġenza bejn il-partijiet dwar il-ħlas ta' din il-kummissjoni, hija dwar il-ħlas tal-bilanċ ta' kummissjonijiet li qiegħed jippretendi l-attur. Għalkemm ma sarx kuntratt ta' xogħol bil-miktub, jibqa' applikabbli l-prinċipju ta' *omnia labor optat premium,* jiġifieri, li kull xogħol għandu jiġi mħallas u li min jagħti servizz għall-vantaġġ ta' ħaddieħor għandu dritt li jiġi retribwit (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***James L. Hawkins v. Seasus Limited***). Il-ħlas ta' kummissjoni hija proprju forma ta' inċentiv sabiex il-ħaddiem li jġib aktar negozju b'vantaġġ għall-kumpanija li magħha jkun impjegat li fl-aħħar mill-aħħar jissarraf fi qligħ, l-istess impjegat jingħata bħala benefiċċju, perċentwal fuq it-transazzjoni ta' bejgħ li jkun sar. Il-kwistjoni dwar ir-rata ta' perċentwal ser tiġi mistħarrġa taħt it-tieni aggravju.

26. Madankollu, jidher li għalkemm jingħad li l-kumpanija konvenuta kellha sistema fejn kull wieħed mill-ħaddiema tagħha kien idaħħal dak li huwa jkun għamel bħala bejgħ, permezz ta' *separate log-in* sabiex imbagħad ikun jista' jingħata l-kummissjoni marbuta ma' dak il-bejgħ, meta kienet tinħareġ stima mill-attur li kien jieħu ħsieb il-ħanut tal-Mosta, din l-istima kienet toħroġ f'isem l-attur.[37] Dan ifisser li ma kienx l-attur li

[37] Ara xhieda ta' Anthony Saliba taħt kontroeżami f'paġna 805 tal-proċess.

qiegħed jipprova japprofitta ruħu, iżda jidher li s-sistema kienet maħluqa sabiex l-attur li kien jamministra l-ħanut il-Mosta, kien joħroġ l-istima u għalhekk it-transazzjoni kienet tidher f'ismu. Madankollu, ma jistax jingħad li b'daqshekk ġie ppruvat li l-attur kien qiegħed jipprova jieħu ħlas ta' kummissjoni li kienet dovuta lil ħaddieħor jew li ma kienitx dovuta lilu. Wara kollox, jidher li meta ż-żewġ impjegati ngħataw il-listi ta' transazzjonijiet, malajr waslu għal dak li kien dovut lil kull wieħed minnhom bħala kummissjoni, u dan mingħajr argumenti jew ġlied u l-kumpanija konvenuta ma tistax issa tirkeb fuq il-karru li l-attur naqas li jressaq prova sodisfaċenti tal-kreditu mitlub minnu, ġaladarba n-nuqqas jirriżulta li kienet fis-sistema tagħha ta' kif jiġu reġistrati t-transazzjonijiet.

27. Minn dan kollu jinżel, li l-attur irnexxielu jipprova għas-sodisfazzjoni tal-ewwel Qorti u issa wkoll ta' din il-Qorti, il-kreditu ta' €4,720 pretiż minnu u ma tara xejn irraġonevoli meta l-Ewwel Qorti ddeċidiet li toqgħod fuq il-verżjoni tal-attur, aktar milli dik tar-rappreżentanti tal-kumpanija konvenuta, ġaladarba l-verżjoni tal-attur tinsab sostnuta wkoll mix-xhieda ta' impjegat ieħor (Timothy Jones) li tressaq b'xhud mill-istess kumpanija konvenuta. Wara kollox, kif ingħad drabi oħra, il-ġudikant huwa tenut li jwettaq il-valutazzjoni tal-provi fil-kuntest globali tagħhom u meta l-aqwa prova mhix disponibbli, il-ġudikant ma jistax jiskarta provi oħra li xorta jistgħu jkunu sodisfaċenti (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta'

Mejju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***A+Building Products Limited v. Kurt Galea Pace proprio et nomine***).

28. Ngħaddu għall-kontestazzjoni tal-kumpanija appellanti fir-rigward tal-ammont ta' €1,925.40 likwidat mill-Ewwel Qorti bħala diskrepanzi bejn il-*payslips* u t-total tal-ħlasijiet magħmula mill-kumpanija appellant lill-attur skont iċ-ċekkijiet esibiti. Il-kumpanija mhix qiegħda tikkontesta l-eżerċizzju matematiku mwettaq mill-Ewwel Qorti, iżda tixli li ġiet injorata l-ispjegazzjoni mogħtija mir-rappreżentant tagħha illi d-diskrepanza hija dovuta għall-fatt li l-attur kien xtara numru ta' prodotti għad-dar tiegħu għall-valur ta' €1,350 u għalhekk il-kumpanija appellanti ssostni li kien hemm tpaċija skont l-**Artikoli 1196** u **1197 tal-Kodiċi Ċivili.**

29. Għal darb'oħra, dan l-ilment fl-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti ma jistax jirnexxi. Għandu jingħad li l-**Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpaċija *ipso iure* u li din it-tpaċija ssir anke mingħajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed u d-djun jinqatlu wieħed bl-ieħor safejn ikunu indaqs. Madankollu, fl-**Artikolu 1197** li jsegwi, jingħad ukoll li sabiex issir it-tpaċija bħal din, jeħtieġ li ż-żewġt idjun ikollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinanti ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u **li jkunu t-tnejn**

**<u>likwidi u jistgħu jintalbu</u>**, kif ukoll jingħad li d-dejn hu likwidu, meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.

30. Il-Qorti tosserva illi, meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ taħt eżami, fil-qafas ta' dawn il-provvedimenti tal-liġi, jonqos element essenzjali mitlub mil-liġi biex jirriżulta li tassew seħħet it-tpaċija *ipso iure* bejn il-kreditu mitlub mill-attur appellat u l-pretensjoni tal-kumpanija appellanti. Fil-fatt, il-pretensjoni ta' ħlas tal-attur appellat, hija waħda għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut lilu u għalhekk ma jista' qatt jingħad li l-ammont pretiż mill-attur kien wieħed likwidu, jew ċert, kif mitlub mil-liġi. Lanqas jista' jingħad li l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti kien faċilment likwidabbli (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju, 2013, fil-kawża fl-ismijiet ***San Andrea School v. David Mallia et***). Isegwi li tpaċija skont il-provvedimenti tal-liġi mqanqla mill-kumpanija appellanti ma setgħet qatt isseħħ.

31. Barra minn hekk, lanqas jista' jingħad li seħħet tpaċija konvenzjonali, peress li din tiddependi mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Ladarba l-pretensjonijiet tal-attur jinsabu kontestati mill-kumpanija konvenuta, bl-argumenti li kull ħlas dovut lill-attur ġie saldat u ma hemm l-ebda ħlasijiet ulterjuri dovuti lill-attur, skont l-eċċezzjonijiet imressqa minnha, qajla tista' sseħħ tpaċija kif tippretendi l-appellanti. F'dan il-każ, ftehim bejn il-partijiet sabiex isseħħ it-tpaċija ma jirriżultax.

32. Lanqas jista' jingħad li tista' sseħħ tpaċija ġudizzjali, kif donnha tagħti x'tifhem il-kumpanija appellanti meta tixli lill-Ewwel Qorti, milli naqset milli tagħti effett lit-tpaċija. Ibda biex ma tressqet l-ebda eċċezzjoni għat-tpaċija[38], u lanqas saret kontrotalba mill-kumpanija konvenuta dwar il-kreditu li tippretendi li għandha fil-konfront tal-attur. Kif ukoll, sabiex isseħħ it-tpaċija bħal din, il-konvenut irid jirrikonoxxi li l-ammont pretiż mill-attur huwa dovut, iżda jkun qed jargumenta li m'għandux jitħallas għaliex huwa paċut minn debitu ieħor dovut lilu mill-attur. Dan mhux il-każ fil-kawża tal-lum, fejn il-kumpnaija konvenuta kkontestat il-pretensjonijiet tal-attur appellat (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut et nomine v. Polidano Brothers Limited***).

33. Fir-rigward ta' dak li jingħad mill-kumpanija appellanti dwar l-iżball riskontrat mill-Ewwel Qorti dwar l-FS3 għas-sena 2013, fis-sens li ġie ddikjarat dħul ta' €21,332.00, meta d-dħul dik is-sena kien dak ta' €12,890.98, filwaqt li din il-Qorti tqis l-argument magħmul mill-kumpanija appellanti li kull taxxa żejda mħallsa minnha tista' sservi ta' kreditu għall-attur bħala wieħed siewi, ma tarax kif dan l-argument jista' jkun ta' benefiċċju għall-aggravju tal-istess kumpanija appellanti. Dan jingħad peress, li għall-fini tal-eżerċizzju ta' komputazzjoni mwettaq mill-Ewwel

[38] Dan meta jingħad ukoll fil-ġuridprudenza li l-Qorti ma tistax tqajjem din l-eċċezzjoni minn jeddha – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut et nomine v. Polidano Brothers Limited***).

Qorti, dwar id-differenza bejn id-dħul tal-attur kemm dam impjegat mal-kumpanija konvenuta, hekk kif riżultanti mill-ammonti totali mill-FS3s, kumparat ma' dak tal-valur kumplessiv li jirriżulta miċ-ċekkijiet esibiti, l-iżball riskontrat fl-FS3 tas-sena 2013 ġie mwarrab għall-fini tal-imsemmi eżerċizzju.

34. Isegwi li dan l-ilment tal-kumpanija konvenuta lanqas jista' jitqies bħala wieħed xieraq.

35. Jonqos l-aħħar punt imqanqal taħt l-ewwel aggravju, jiġifieri d-diskrepanza ta' €0.27 li tħallset nieqsa mill-kumpanija konvenuta f'benefiċċji statutorji dovuti lill-attur kemm dam fl-impieg magħha. Lil hemm mill-fatt li l-kumpanija appellanti ma tikkontestax l-eżerċizzju matematiku mwettaq mill-Ewwel Qorti, ikkunsidrata d-differenza insinjifikanti u irriżorja li rriżultat, il-Qorti tqis li dan l-ilment ma jistgħax jiġi milqugħ u dan in vista tal-prinċipju *de minimis non curat praetor*.

36. Għalhekk, wara li din il-Qorti kkunsidrat id-diversi ilmenti taħt l-ewwel aggravju li lkoll ma tqisux ġustifikati, ser tiċħad l-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti.

37. Jonqos li jingħata qies tat**-tieni aggravju tal-kumpanija konvenuta**, dak fejn tilmenta li minkejja nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet

dwar ir-rata ta' kummissjoni, l-Ewwel Qorti aċċettat dak li ngħad mill-attur li kellu jitħallas bir-rata ta' 2% u m'applikatx dak li tipprovdi l-liġi.

38. Tabilħaqq huwa minnu li l-partijiet fil-kawża taw verżjonijiet kunfliġġenti dwar dak li kellha tkun ir-rata ta' kummissjoni li kellha titħallas lill-attur fuq il-bejgħ li jikkonkludi.

39. Fuq il-kwistjoni tal-kunflitt tal-provi, kif ingħad drabi oħra mill-Qrati tagħna, mhux kwalunkwè tip ta' kunflitt (fil-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*. Il-kunflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant. Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun hemm il-kunflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilità ta' qerq min-naħa ta' xi wieħed mill-partijiet fil-kawża (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor***

***Richard Bernard nomine v. Luma Holdings Limited*** u dik fl-ismijiet ***Carmelo Farrugia v. Rokko Farrugia***, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, deċiża fl-24 ta' Novembru 1966.)

40. Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi kunfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiemha, jiġifieri: (i) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u (ii) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet ***Lorraine Pace Bonello proprio et nomine et v. Carmelo sive Charles Micallef*** u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Maria Xuereb et v. Clement Gauci et***, deċiża fl-24 ta' Marzu 2004).

41. Jingħad ukoll li l-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment biżżejjed għall-konvinċiment tal-ġudikant (ara fost oħrajn, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***George Bugeja v. Joseph Meilak*** deċiża fit-30 ta` Ottubru 2003).

42. Din il-Qorti taqbel mal-attur appellat meta jingħad minnu li ġaladarba ma jirriżultax ftehim bil-miktub, bilfors iwassal lill-ġudikant jagħti piż lil dak li jirriżulta mix-xhieda mressqa mill-partijiet. F'dan il-każ, l-attur kien konsistenti tul il-kawża fl-asserzjoni tiegħu li l-kummissjoni maqbula kienet dik ta' 2% fuq dak kollu li jbiegħ u li l-kummissjoni kellha tinħadem fuq l-ammont ta' bejgħ wara li titnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud. Dan jingħad kemm b'referenza għax-xhieda oriġinali tal-attur mogħtija permezz t'affidavit, kif ukoll taħt kontroeżami serrat li sarlu[39]. Din il-verżjoni tal-attur kienet tabilħaqq korroborata mix-xhieda tal-impjegat l-ieħor Timothy Jones[40], li tressaq bħala xhud mill-kumpanija konvenuta.

43. Min-naħa l-oħra, għalkemm Anthony Saliba, fix-xhieda tiegħu jisħaq li l-kummissjoni li kienet titħallas lill-ħaddiema kienet dik ta' 1% u dan mingħajr eċċezzjoni[41], ma ressaq l-ebda prova ta' eżerċizzju ta' rikonċiljazzjoni bejn dak li jingħad li kienet titħallas bħala kummissjoni akkont bil-quddiem[42] ma' kull paga u dak li kien effettivament dovut lill-attur bħala kummissjoni fuq il-bejgħ li jkun għamel, fl-aħħar ta' kull sena li l-attur dam impjegat mal-kumpanija konvenuta. Din kienet tkun l-aqwa prova, ladarba l-ħlas tal-kummissjonijiet fl-aħħar mill-aħħar kienu jsiru mill-kumpanija konvenuta. Għalkemm il-kumpanija konvenuta tressaq rendikont tal-ħlasijiet li jingħad li hija wettqet favur l-attur sena b'sena[43]

[39] Ara xhieda f'paġna 703 tal-proċess.
[40] Ara xhieda f'paġna 547 tal-proċess.
[41] Ara xhieda ta' Saliba permezz tal-affidavit f'paġna 442 tal-proċess.
[42] Ara xhieda f'paġna 320 tal-proċess.
[43] Ara dokumenti AS 16 f'paġna 515 u SEL1 f'paġni 742 sa 750 tal-proċess.

inkluż il-parti mill-ħlasijiet li jingħad li sar minnha bħala kummissjonijiet, ma jirriżultawx li tressqu l-konteġġi ta' kif il-kumpanija konvenuta waslet għal dak li kien dovut lill-attur bħala kummissjoni fuq il-bejgħ imwettaq minnu.

44. Minkejja li għal darb'oħra l-appellanti tistrieħ fuq korrispondenza[44], li suppost intbagħtet mill-attur lill-impjegat ieħor, fejn jingħad li l-kummissjoni li kienet titħallas kienet dik ta' 1%, jiġi mtenni li l-attur ċaħad li din il-korrispondenza ntbagħtet minnu peress li fl-ewwel lok intbagħtet f'ħin li mhux soltu li kien ikun fil-ħanut u li Anthony Saliba kellu ħabta jibgħat ukoll korrispondenza minn fuq l-emejl tiegħu[45].

45. Madankollu jeżistu provi oħra li fil-fehma ta' din il-Qorti, jkomplu jxaqilbu l-miżien favur l-attur appellat. Ix-xhud Timothy Jones ippreżenta dokument[46] li fih jingħad li fl-aħħar tal-impieg tiegħu mal-kumpanija konvenuta huwa tħallas is-somma ta' €231.70 «*in full settlement till date of termination 12th May 2014, including the notice period and any entitlements, wages & commissions».* Mal-istess dokument hemm anness rendikont tal-kummissjonijiet li kienu dovuti lil Timothy Jones, fejn jingħad li fuq bejgħ totali ta' €303,530.00 (VAT inkluż), meta jitneħħa l-element tat-taxxa fuq il-valur miżjud, jifdal bilanċ ta' €257,228.81 u li l-

44 Ara dokument esebit bħala AS27 f'paġna 533.
45 Ara xhieda tal-attur taħt kontroeżami f'paġna 633 tal-proċess.
46 Ara Dok. TJA 2 f'paġni 598 sa 600 tal-proċess.

kummissjoni li Jones kien intitolat għaliha kienet ta' €3,858.43, li hija ekwivalenti għall-perċentwal ta' 1.5% tal-bejgħ magħmul minn Jones.

46. Iżda mill-aktar interessanti huwa d-dokument ippreżentat mill-istess kumpanija konvenuta[47], li fih jingħata rendikont tal-ħlasijiet magħmula minnha lill-istess Jones, fejn fuq medda ta' erbatax-il-xahar, kemm dam Jones impjegat magħha, għalkemm hemm jingħad li l-kummissjoni kif maqbula kienet ta' €3,858.43, jirriżulta li Jones kien tħallas total ta' €5,064.89 f'kummissjonijiet (li hija ekwivalenti għal kważi 2% tas-somma ta' €257,228.81!). Fl-istess dokument jingħad li sar ħlas żejjed lil Jones ta' €1,206.46, madankollu fl-aħħar jingħad li kien hemm dovut lil Jones is-somma ta' € 273.27! Fil-fatt fil-ftehim ma' Timothy Jones meta dan spiċċa l-impieg tiegħu mal-kumpanija konvenuta, sar dan il-ħlas ta' € 273.27 u ma sar l-ebda aċċenn għall-fatt li sar ħlas żejjed fil-kummissjonijiet fl-imsemmija ittra tas-7 ta' Ġunju, 2014. Lanqas jirriżulta li saret xi azzjoni fil-konfront ta' Timothy Jones għal dan l-allegat ħlas żejjed.

47. Dan kollu jkompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-verżjoni mogħtija mill-attur appellat li r-rata ta' kummissjoni miftehma bejn il-partijiet kienet tabilħaqq dik ta' 2% fuq it-total tal-bejgħ (eskluż il-VAT), aktar verosimili. Għalhekk ma tarax li għandu jiġi applikat il-provvediment tal-liġi (l-

[47] Ara dokument immarkat MSA 1 f'paġna 608 tal-proċess.

**Artikolu 1362 tal-Kodiċi Ċivili** fejn jingħad li fin-nuqqas ta' ftehim, is-senserija fuq bejgħ ta' ħwejjeġ mobbli hija ta' 1%) kif issostni li kumpanija appellanti.

48. Barra minn hekk, għalkemm ġie ppreżentat rapport li fih tingħata analiżi tal-pagamenti li saru favur l-attur appellat kemm dam impjegat mal-kumpanija konvenuta, li minnha jirriżulta xi tħallas l-attur sena wara oħra, inkluż total ta' €14,807.03 f'kummissjonijiet fuq medda ta' ħames snin[48], ma hemmx spjegazzjoni ta' kif il-kumpanija konvenuta waslet għal dawn l-ammonti. Fin-nuqqas ta' prova ta' dak li ssostni l-kumpanija konvenuta, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

49. Isegwi li lanqas dan it-tieni aggravju tal-kumpanija konvenuta appellanti ma jimmerita li jintlaqa'.

**Deċiżjoni**

[48] Ara dokument AS 16 f'paġna 515 tal-proċess u SEL 1 f'paġna 742 tal-proċess.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija konvenuta appellanti Solar Engineering Limited u tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell għandhom jitħallsu mill-istess kumpanija konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb